# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Mejju 2000**

**Numru 72**

**Citaz. numru 705/91 DS**

Lawrence Ciantar ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta, u b'nota tat-2 ta' Novembru 1993 Anthony Ventura assuma l-atti tal-kawza minflok Lawrence Ciantar
vs
Charles Farrugia

Illum, 26 ta' Mejju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-19 ta' Gunju 1991 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi l-konvenut fis-17 ta' Frar 1990, waqt li kien qed ihaffer fi Triq il-Mithna, Zurrieq, laqat "High Tension Cable" propjeta' tal-attur nomine.

Billi d-danni sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-imsemmi "Cable" jammontaw ghal Lm347.87 (tlitt mija u seba u erbghin lira, u seba u tmenin centezmu).

Billi ghalkemm il-konvenut gie interpellat permezz ta' ittra legali datata 24 ta' Dicembru 1990 u ittra ufficjali datata 15 ta' Jannar 1991, huwa baqa' inadempjenti.

talab lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, li:

1. tiddakjara lill-konvenut responsabbli ghall-hsara kawzata f'propjeta' tal-attur nomine, fi Triq il-Mithna, Zurrieq, fis-17 ta' Frar, 1990.

2. tikkundannah ihallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm347.87 in linea ta' danni sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-hsarat ikkawzati fl-istess propjeta' kif fuq premess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 24 ta' Dicembru 1990 u tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Jannar 1991, bl-imghax legali mid-data tal-hsara sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi mhuwiex minnu li l-konvenut qatt laqat "high tension wire" fi Triq il-Mithna, Zurrieq.

3. Illi fi kwelunkwe kaz jekk dak li gie allegat fil-fatt sehh u cioe' li ntlaqat xi "high tension wire" kif deskritt fic-citazzjoni ta' l-attur nomine, dana l-fatt ma sehhx kagun tieghu jew minhabba fatt attribwibbli lilu.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-14 ta' Novembru 1991 fejn gie nominat l-A.I.C. David Pace bhala perit biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fit-23 ta' Novembru 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda hsara kawzata f'*high tension cable* li ntlaqat waqt xoghol ta' thaffir li kien qieghed isir fiz-Zurrieq. Il-Korporazzjoni attrici pproduciet diversi xhieda biex issostni l-pretensjonijiet taghha:

**Joseph Attard**, assistant head mal-Korporazzjoni attrici, xehed li mill-*file* relattiv jirrizulta li s-somma dovuta b'konsegwenza tal-hsara kawzata hija ta' Lm347.87 li tinkludi materjal, *labour* u *Corporation charges*. Minn din is-somma ghadu ma thallas xejn.

**Karmenu Farrugia**, senior technical officer ma' l-istess Korporazzjoni, stqarr li fis-17 ta' Frar 1990 inghata struzzjonijiet biex imur hdejn il-mithna taz-Zurrieq fejn iltaqa' ma' ragel li hadu jara l-hsara. Kien id-

dlam u ma ftakarx kienx il-konvenut li ltaqa’ mieghu. Staqsa min kien responsabbli “u din il-persuna wegbitni li kien il-konvenut … qaltli li kienu qed inaddfu bil-*hymac* meta laqtu l-*cable*”. Huwa ghamel rapport l-ghassa. Lil dak ir-ragel li ltaqa’ mieghu filghaxija qallu biex l-ghada jigu jifthu t-trinka halli jkunu jistghu jaghmlu gonta. L-ghada fil-fatt meta marru jsewwu kien hemm zewg persuni li qalulhom li kienu ahwa u li wiehed minnhom deher bhala akkuzat fi proceduri kriminali.

**Michael Camilleri**, foreman mal-Enemalta, xehed li meta mar fuq il-post ta’ l-incident ma kien hemm hadd izda ra hofra fl-art u l-*cable* bid-dahna fejn kien intlaqat u kien hemm ukoll JCB. Fuq il-post kien hemm Karmenu Farrugia li kien qed jistenna l-haddiema l-kuntrattur.

**P.S.679 Saviour Camilleri** xehed dwar ir-rapport li rcieva minghand Karmenu Farrugia u bazikament ikkonferma l-okkorrenza relattiva li huwa esebixxa. L-okkorrenza tikkontjeni dak li gie rapportat lilu minn Karmenu Farrugia u dak li rrizultalu wara li kellem lill-konvenut.

L-ewwel parti tal-okkorrenza datata 17 ta’ Frar 1990 rirreferi ghar-rapport li huwa rcieva:

> *“Carmelo Farrugia 54 yrs s/o l’ Saviour & Catherine nee’ Tanti c/o Enemalta reported today 17.02.90 at about 7.30 p.m. in his capacity as senior technical officer employed with Enemalta, that whilst Charlie Farrugia of ‘Miriam Hse’, Valletta Rd., Mqabba was excavating drainage trench with the hymack at Mill Street, Zurrieq, he hit an underground high tension cable of the sub-station and caused damages to same. Mr. Carmel Farrugia stated that the damages caused to the cable amounts to about Lm500.*

*Charlie Farrugia tel no 683332 is being spoken to as he was not at home."*

It-tieni parti hija datata 19 ta' Marzu 1990 u tirrigwarda okkazjoni meta P.S. Camilleri kellem lill-konvenut:

*"Reference to Occ 117/90 dated 17.02.90 regarding damages caused to high tension cable at Zurrieq Charlie Farrugia, 35 yrs s/o Gilio & Concetta nee' Zammit b/res 'Miriam' Valletta Rd., Mqabba was spoken to and stated that whilst he was carrying out works with himac he accidentally hit the cable.*
*Farrugia refused to sign the necessary declaration making good for the damages caused.*
*Charges are being issued."*

Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet u dikjarazzjoni guramentata tieghu l-konvenut isostni li hu qatt ma laqat xi "high tension wire" fi Triq il-Mithna, Zurrieq u anke jekk dan sehh ma sehhx kagun tieghu jew minhabba fatt attribwibbli lilu.

Naturalment il-konvenut kellu diversi possibiltajiet biex iressaq provi in sostenn ta' dak li qal fl-eccezzjonijiet tieghu izda naqas milli jressaq provi. L-ahhar tliet seduti quddiem il-perit tekniku saru biex il-konvenut iressaq provi izda dan ma deherx fl-ebda wahda minn dawk is-seduti. Wara li l-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza fl-14 ta' Frar 2000, il-konvenut ipprezenta rikors fit-28 ta' Frar 2000 fejn talab (1) il-prolazzjoni (recte: sospensjoni tal-prolazzjoni) tas-sentenza, (2) l-isfilz tar-relazzjoni tal-perit tekniku u (3) li l-perit jigi ordnat jisma' x-xhieda tal-konvenut. B'digriet ta' l-10 ta' Marzu 2000 il-Qorti ordnat in-notifika

lill-kontro-parti bi zmien tlett ijiem ghar-risposta. Wara li gie notifikat ir-rikors u ma dahlet l-ebda risposta, b'digriet tat-3 ta' April 2000 il-Qorti laqghet it-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, cahdet it-talba ghall-isfilz tar-relazzjoni u pprovdiet dwar it-tielet talba billi ordnat li x-xhieda jinstemghu quddiemha stess fis-seduta sussegwenti. Fis-seduta ta' l-14 ta' April 2000 ma deher hadd u ghalhekk il-Qorti mill-gdid iddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghallum.

Huwa car li f'perijodu ta' kwazi sentejn u nofs il-konvenut kellu l-mezzi kollha possibbli biex iressaq provi u ghalhekk il-Qorti, fin-nuqqas tal-konvenut, se tiddeciedi l-kawza a bazi tal-provi li tressqu mill-attur nomine.

Il-Qorti hija tal-fehma li d-dikjarazzjoni tal-konvenut hi fiha nnifisha kontradittorja ghax jew sehh jew ma sehhx l-incident. U mix-xhieda prodotti mill-attur nomine m'hemmx dubju li l-incident sehh.

Minn ezami ta' dawk il-provi difatti jirrizulta li l-konvenut kien il-kuntrattur assenjat biex jaghmel ix-xoghol fil-post fejn intlaqat il-"high tension cable" u meta kelmu P.S. 679 Saviour Camilleri il-konvenut ammetta mieghu li kien laqat il-"cable" accidentalment izda rrifjuta jiffirma dikjarazzjoni li kien lest li jaghmel tajjeb ghad-danni. Dawn il-provi ma gew bl-ebda mod kontradetti mill-konvenut u fil-fehma tal-Qorti ghalhekk il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni kagunati. Il-fatt imsemmi mill-Ispettur Carmel Micallef meta xehed quddiem il-perit tekniku fit-18 ta' Marzu 1993 in kontroezami li l-konvenut gie liberat fil-kawza kriminali kontra tieghu ma hu ta' ebda rilevanza. Huwa ben maghruf li *in criminalibus* il-prova trid issir "beyond a reasonable doubt" filwaqt li *in civilibus* "on a balance of probability".

It-talba attrici hija ghas-somma ta’ Lm347.87. Ma saret l-ebda kontestazzjoni dwar l-ammont li ghalhekk hija dovuta mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-hsara kawzata f’proprjeta` ta’ l-attur nomine fi Triq il-Mithna, Zurrieq fis-17 ta’ Frar 1990, u
(2) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta’ Lm347.87 in lineja ta’ danni kif mitlub.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

**Onor. Imhallef David Scicluna**

**D/Registratur**